MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru. 1247/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Anna Grech**
**Antonella Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Anna Grech**, ta' tlieta u hamsin (53) sena, bint Alfred Grixti u Angiolina neé Azzopardi, imwielda l-Belt Valletta nhar it-13 t'Ottubru 1959, residenti 14, Flat 7, Triq San Nikola, Valletta detentrici ta' karta ta' l-identita' bin-numru 694359(M) u

**Antonella Grech**, ta' sbatax (17) il-sena, bint Gaetano u Anna xebba Grixti, imwielda Pietà nhar il-15 ta' Settembru 1995, residenti 14, Flat 7, Triq San Nikola, Valletta u detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 412795(M)

akkuzati talli fl-14 ta' Ottubru 2012, gewwa l-ghassa l-Belt Valletta ghal habta tad-20.40hrs;

1. bil-hsieb li jaghmlu hsara lil xi persuna u cioé lil Josef Essesi, akkuzaw lil din il-pesuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienu jafu li dik il-persuna hija innocenti;

2. bil-qerq, holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioé Josef Essesi, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. u aktar talli ddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u

semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li ma kienitx qed tinsisti ghat-talba rigward il-piena ta' interdizzjoni generali fil-konfront taz-zewg imputati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni taghhom f'dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom fejn filwaqt li l-fedina penali tal-imputata Antonella Grech hija wahda nadifa, il-fedina penali tal-imputata Anna Grech minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja.  Fil-konfront tal-imputata Antonella Grech, il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li hi kellha 17 il-sena meta kkomettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 101(1), 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Anna Grech u wara li rat Artikoli 37, 101(1), 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Antonella Grech fuq ammissjoni, issib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u filwaqt li lil Anna Grech tikkundannha ghal perijodu ta'  tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin, lil Antonella Grech, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum

Il-Qorti spjegat lill-imputata Anna Grech fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlitt snin millum.

Il-Qorti wissiet lil Antonella Grech bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma nsistitx ghat-talba rigward il-piena ta' interdizzjoni generali, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------